**FIT - TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR**

# GUDIKATUR: DR JOSEPH REFALO LL.D. Adv.Trib.Eccl.Melit,

## Seduta ta' nhar il-Gimgha, 21 ta' Gunju, 2002

**Numru 30**

**Avviz numru 356/01JR**

**Brian Tyre Service Limited**

**vs**

**Manwel Desira**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat mis-socjeta` attrici fit-23 ta' Mejju, 2001, fejn intalab il-hlas ta' mija u erbghin lira Maltija (Lm140.00), rappresentanti prezz ta' merkanzija, debitament konsenjata mis-socjeta` attrici lill-konvenut, fuq istruzzjonijiet ta' l-istess konvenut, u dan ai termini ta' l-invoice numru 6690 u ghalkemm debitament interpellat, il-konvenut naqas milli jhallas l-ammont minnu dovut;**

Bl-imghax u bl-ispejjez inkluzi dawk ta' l-ittra legali ta' l-4 ta' Mejju, 2001, kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni.

Ra r-risposta tal-konvenut prezentata fil-5 ta' Lulju, 2001, fejn intqal:

i. Illi l-konvenut mhux debitur tas-socjeta` attrici stante li t-tyre li tieghu s-socjeta` attrici qed tippretendi hlas kien konsenjat lill-konvenut sabiex jissostitwixxi iehor difettuz li l-konvenut kien xtara minghand l-istess socjeta` attrici precedentement;

ii. Bla pregudizzju ghal premess, il-prezz approvat tat-tyre kien mija tnejn u tletin lira (Lm132.00) mhux mija u erbghin lira (Lm140.00) kif pretiz mis-socjeta` attrici;

iii. Salvi eccezzjonijiet ohra permessi mil-ligi.

Semgha x-xhieda ta' Noel Gauci u Manwel Desira. Ha konjizzjoni tad-dokument esebit u tac-cirkostanzi kollha tal-kaz.

Ikkunsidra:

1. Is-socjeta` attrici qed tfittex lill-konvenut ghall-prezz ta' tyre li bieghetlu. Il-konvenut qed jghid li t-tyre konsenjat kien biex jissostitwixxi wiehed difettuz, u li l-prezz ma kienx ta' mija u erbghin lira Maltija (Lm140.00) izda ta' mija u tnejn u tletin lira Maltija (Lm132.00).

**2. Jirrizulta li s-socjeta` attrici kienet fil-fatt bieghet diversi tyres lill-konvenut ghat-truck tieghu. Jirrizulta mill-invoice Dok.A datat 21 ta' Lulju, 2000, li l-konvenut kellu ihallas ghall-tyre wiehed.**

**3. Skond il-konvenut huwa kien xtara zewg tyres minghand is-socjeta` attrici, u wiehed mit-tyres jghid li kien danneggjat. Skond il-konvenut is-socjeta` attrici bidlitlu t-tyre, pero` l-konvenut ma hallsux. Skond il-konvenut ma hallasx ghat-tyre peress li gja kien hallas zejjed fuq seba' tyres ohra.**

**4. F'dan il-kuntest ma jirrizultax li l-hlas pretiz kien ghall-rimpjazzament ta' tyre. Inotre jirrizulta li l-prezz ta' tyre kien ta' mija u tnejn u tletin lira Maltija u mhux ta' mija u erbghin lira Maltija, tant li s-socjeta` attrici kienet irrifondiet id-differenza fil-prezz.**

**5. Il-konvenut jammetti li ma hallasx it-tyre, pero` it-Tribunal hiu tal-fehma li dan ma thallasx minhabba li tnizzel prezz ta' mija u erbghin lira, meta fil-fatt kien jiswa mija tnejn u tletin lira Maltija.**

**6. Ghalhekk jidher li l-prezz tat-tyre kien fil-fatt dovut mill-konvenut lis-socjeta` attrici, pero` mhux fl-ammont reklamat izda fis-somma ta' mija tnejn u tletin lira Maltija (Lm132.00).**

**Ghaldaqstant it-Tribunal peress illi t-talba attrici tirrizulta pruvata kif fuq inghad qed jilqa' t-talba attrici limitatament fis-somma ta' mija tnejn u tletin lira Maltija (Lm132.00), u jikkundanna lill-konvenut ihallas lis-socjeta` attrici**

**l-imsemmija somma ta' mija tnejn u tletin lira Maltija (Lm132.00), bl-imghaxijiet legali dekoribbli mill-lum.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, nkluzi dawk ta' l-ittra legali tal-4 ta' Mejju, 2001, ghandhom jigu sopportati mill-konvenut skond il-Ligi.**

**Avv Joseph Refalo**
**GUDIKATUR**